**Minuti tal-464 laqgħa tal-Kunsill li saret
nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2016**

Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius, s-Sur Joseph Vella, s-Sur Joseph Bonniċi, s-Sur Joseph Agius (Is-Sway), is-Sur John J Pace u s-Sur Mark Grech.

Is-Sur Joseph Buttigieg daħal għal-laqgħa fis-7.15 ta' filgħaxija.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius kien skużat.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrina Busuttil kienet skużata.

Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-ħdax-il paragrafu ta' paġna 393 u minflok il-kliem 'għall-Ġnien ' jidħol il-kliem '*playing field*'.

Il-minuti tal-464 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway).

Item 3 – Punti li joħorġu mill-minuti

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi x-xogħol ta' *refresh* taż-*zebra crossing* fi Triq l-10 ta' Settembru kien għadu ma sarx.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi fil-karriġġjata li saret biż-żebgħa fi Triq il-Mina ta' Hompesch, kien qed ikun hemm ħafna traffiku speċjalment meta jkun hemm vetturi pparkjati ħażin fil-ġenb tat-triq. Is-Sur Bonnici talab ukoll li minflok il-marka tal-

karreġġata li hemm f'nofs it-triq quddiem l-entratura għall-Qasam tad-Djar issir linja kontinwa.

Dwar it-tabella għall-bejjiegħa f'Misraħ is-Sliem is-Sinjura Anna Calleja qalet li jkun aħjar jekk sakemm ikun regolarizzat is-suq jitwaħħlu tabelli biex il-bejjiegħa ma jsibux karozzi pparkjati fil-post fejn huma jarmaw.

Is-Sur Mark Grech talab li l-Kunsill jikteb lill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex issir *lay by* fi Triq il-Mina ta' Hompesch ħdejn il-bini tal-aġenzija tal-assigurazzjoni sabiex b'hekk il-vetturi jkunu jistgħu jidħlu jipparkjaw aħjar fil-ġenb tat-triq.

Is-Sur Joseph Agius talab li jsiru *bollards* f'nofs Triq il-Mina ta' Hompesch sabiex jiġu evitati diversi nċidenti tat-traffiku.

Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet semmiet il-ħtieġa li jingħata t-tarmak fi Triq ix-Xgħajra.

<u>Item 4 – Qari tal-minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

Inqraw il-minuti tal-81 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi organizzat il-kors 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar' għar-residenti Żabbarin.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Malcolm Schembri dwar il-pubblikazzjoni 'Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar' fejn il-Kunsill ġie mistieden jagħmel avviż bi ħlas ta' €60 f'din il-pubblikazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppublikat avviż relatat mal-ġbir ta' skart, skart riċiklabbli u ġbir ta' ħġieġ.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Arċipriet Dun Evan Caruana dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja 2016 fejn il-Kunsill ġie mistieden jagħmel avviż f'din il-pubblikazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppublikat avviż relatat mal-ġbir ta' skart. Is-Sur Mark Grech talab sabiex fuq l-avviż jiġi ndikat li l-ġbir ta' skart qiegħed jibda mis-7.00 ta' filgħodu.

Inqraw ittra u rapport li l-Kunsill irċieva mingħand Luke Spiteri dwar inċident li allegatament kellu fi Triq ix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar fejn talab kumpens ta' €60.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu fi trinka li kien hemm fit-triq.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta peress illi x-xogħol kien qed isir minn kuntrattur privat bl-approvazzjoni ta' Transport Malta u mhux mill-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Abela Associates Limited dwar talba għall-ħlas ta' €118.83 għal tqassim ta' fuljetti għall-korsijiet *I Kids* fit-2013. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li ma jilqax din it-talba peress illi waqt laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 12 ta' Marzu, 2014 diġa kien ġie deċiż li l-korsijiet kienu ser jiġu organizzati mingħajr spejjeż għall-Kunsill u dan peress illi l-kumpanija TCTC qed tagħmel użu mill-bini tal-Kunsill mingħajr ħlas.

Item 7 - Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Mejju 2016 u l-20 ta' Ġunju 2016 li kienet tammonta għal €65,803.90.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2016 li kien jammonta għal €153.09.

Item 8 - Attività Merħba lis-Sajf

Is-Sindku qal illi ma tistax issir attività mingħajr ma l-Kunsill ikun infurmat u nvolut f'dak li jkun qiegħed isir.

Fis-6.50 ta' filgħaxija is-Sur John J Pace telaq mil-laqgħa sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti dan l-*item*.

Is-Sur Brian Spiteri qal li ma jaqbilx li s-Sur Pace kellu għalfejn joħroġ mil-laqgħa u li kull attività għandha ssir bi trasparenza sħiħa billi l-Kunsill ikun infurmat mis-Sur Pace b'dak li jkun ser jiġi organizzat minnu.

Is-Sur Mark Grech qal illi jaqbel mas-Sur Spiteri illi s-Sur John J Pace ma kellux joħroġ waqt il-laqgħa iżda kellu jibqa' hemm sabiex ikun jista' jirrispondi l-mistoqsijiet tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius qal illi l-Kunsill kellu jiddeċiedi jekk iridx jibqa' jorganizza l-attività Merħba lill-Istaġuni.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill rendikont li kien bagħat is-Sur John J Pace relatat mal-ispejjeż attivitajiet Merħba lill-Istaġuni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li tittella' l-attività Merħba lis-Sajf

flimkien mal-Kunsill Ċiviku u li jitlob lis-Sur John J Pace jagħti rendikont dettaljat ta' din l-attività.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex fuq il-programm għandu jitniżżel li l-attività qed issir b'kollaborazzjoni sħiħa mal-Kunsill Lokali.

Fis-7.15 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Buttigieg daħal għal-laqgħa.

Item 9 - Aġġudikazzjoni tal-offerti għal xogħol ta' titjib fi Ġnien il-Kunsill (ZLC 1/2016)

Is-Sindku qal illi l-Bord ta' Evalwazzjoni kien kompost mill-Perit Edric Micallef, mis-Sur Robert Buhagiar, mis-Sinjura Maria Livori, minnu bħala *Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Inqara r-rapport li tħejja mill-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi għal xogħol ta' titjib fi Ġnien il-Kunsill (ZLC 1/2016). Is-Segretarju ppreżenta r-rapport li sar u qal illi kienu ġew sottomessi żewġ offerti; l-offerta mingħand il-kumpanija *Road Maintenance Services Limited* li kienet tammonta għal €120,222.13 u l-offerta mingħand *Progressive Solutions Limited* li kienet tammonta għal 143,862.66. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ż-żewġ kuntratturi kienu ngħataw ħamest ijiem żmien sabiex iġibu l-kampjuni iżda kienet il-kumpanija *Road Maintenance Services Limited* biss li ssottomettiet dawn il-kampjuni.

Is-Sindku tkellem dwar il-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill u qal illi għalkemm kienu ser jinstabu sorsi ta' finanzjament alternattivi, il-Kunsill kien jiflaħ bl-għaqal jidħol għal dan il-proġett.

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-orħos offerta, dik tal-kumpanija *Road Maintenance Services Limited* għall-prezz ta' €120,222.13.

Deċiżjoni dwar l-offerti għall-manutenzjoni ta' bankini u toroq – ZLC 4/2013

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq kien ser jiskadi fis-17 ta' Lulju, 2016, u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Item 10 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi sal-aħħar ta' Marzu 2016 kien hemm disponibbli fond ta' €56,887 fl-*Urban Improvement Fund.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill japplika għal dawn il-fondi sabiex ikun jista' jagħmel xogħol ta' titjib fil-latrini tal-*playing field* fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sindku qal illi kien qed jagħmel pressjoni mal-Gvern Ċentrali sabiex jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Kunvent.
Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ix-xogħol li kien qed isir mill-ħaddiem tal-RSSL.

Is-Sur John J Pace talab li tiġi rranġata bankina li hemm fi Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi tal-ħanut *Crazy Horse.*

Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin kienu ser isiru l-*interviews* għall-impjieg ta' persuna b'diżabilità mal-Kunsill taħt l-iskema C05. Din il-persuna b'diżabilità ser tiġi mħaddma mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ permezz tal-iskemi li ħarġu f'Memo 58/2011 u Memo 35/2012.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien ser jiltaqa' mas-Segretarju Permanenti, is-Sinjura Paulanne Mamo sabiex tiġi diskussa l-possibiltà li jkun hemm *security* u ħaddiema li jagħmlu manutenzjoni fil-*playing field,* Ġnien il-Kunsill.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li jittella' ċ-ċint madwar art mitluqa li hemm fi Triq ir-Riħan.

Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mad-Direttur tal-*Y Limited* is-Sur Gordon Pace, ġiet diskussa l-possibiltà li flimkien ma' din l-kumpanija l-Kunsill jorganizza attività bl-isem ta' *Career Fair* f'Ħaż-Żabbar fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill. L-ispiża tal-Kunsill tkun għall-istampar u t-tqassim tal-*leaflets* fid-djar f'Ħaż-Żabbar. Issir ukoll *press conference* sabiex tingħata pubbliċita lil din l-attività u r-residenti li m'għandhomx xi impjieg jiġu mħejja jattendu għall-attività. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata din l-attività.

Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa li matul din il-fiera ikun hemm *stand* dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Is-Sur Brian Spiteri qal illi Dun Evan Caruana, Arċipriet f'Ħaż-Żabbar, kien qed jipproponi li peress illi din is-sena qiegħed jiġi mfakkar l-400 sena tal-Parroċċa jgħaqqad grupp ta' 400 mitt Żabbari sabiex jagħtu donazzjoni tad-demm. Is-Sur Spiteri ssuġġerixxa li matul il-*Career Fair* jinġieb il-vann sabiex issir donazzjoni tad-demm.

Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li jitwaħħlu *billboards* sabiex isir reklamar tal-attivitajiet li jkunu qiegħdin isiru mill-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) issuġerixxa li Triq Dun Frans Buhagiar issir *one way* minn naħa ta' Triq Felice u l-vetturi jidħlu minn Triq iċ-Ċimiterju,

Is-Sur Joseph Agius qal li ma kienx jaqbel mas-suġġeriment tas-Sur Joseph Agius (Is-Sway) u talab li din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex qabel tittieħed deċiżjoni dwar tibdil fis-sistema tal-*one ways* għandu jsir pjan ħolistiku għal din iż-żona.

Is-Sur Joseph Vella qal illi nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju, 2016 kienet ser tiġi organizzata attività flimkien maż-żgħażagħ bit-tema 'Nieħdu ħsieb saħħitna filwaqt li nieħdu pjaċir'. Matul din l-attività ser isiru attivitajiet għall-familja kollha kif ukoll dimostrazzjoni tat-tifi tan-nar u divertiment għat-tfal u ż-żgħażagħ.

Is-Sur Joseph Vella qal illi kien qed isir xogħol ta' tħaffir ta' trinek fl-inħawi tal-Ħofra u talab li l-Kunsill jieħu ħsieb li x-xogħol isir skont is-sengħa u li ma jitħallewx trinek mikxufin bħal ma sar fi Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill iressaq l-ilmenti tiegħu dwar il-kuntratturi li qed jaħdmu fl-inħawi tal-Ħofra lill-Awtoritajiet kompetenti.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma jinħarġu permessi għal xogħol ta' tħaffir ta' trinek għandu jintalab Pjan ta' Ħidma lill-kuntratturi.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi waqt li kien qed isir xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq il-Karmnu tkissret il-bankina. Is-Sur Buttigieg qal li minkejja li sar rapport lill-Pulizija mill-Kunsill, il-bankina sal llum għada ma ġietx irranġata.

Is-Sur Joseph Vella talab li ssir *central strip* fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq l-Kapuċċini.

Is-Sur Joseph Bonnici semma l-ħtieġa li tiġi rranġata l-art fi Triq il-Ġilju.

Fit-8.20 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Agius irringrazzja lill-Kunsill għax-xogħol li sar sabiex il-bankini ta' Triq is-Santwarju ikunu aċċessibli għal persuni b'diżabilità.

Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienux saru ż-żewġ *wifi access points* oħra li kellhom jiġu nstallati mill-*Malta Communications Authority* fil-venda u f'Misraħ San Ġakbu bil-għan li jħajru iktar l-użu tal-*internet* fil-lokalitajiet. Is-Segretarju wieġeb fin-negattiv.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill ikollu stima ta' kemm hi l-ispiża sabiex jiġu nstallati *wifi access points* fil-lokalità.

Fit-8.20 ta' filgħaxija is-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata.

Is-Sur Joseph Agius qal li ċ-Ċentru LEAP rebaħ il-premju 'Best Practice' mogħti mill-Unjoni Ewropeja.

Is-Sur Joseph Agius issuġerixxa li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex jitwaħħal *Digital Board bil-GPS* fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Agius reġa' talab sabiex jiġi rranġat l-arloġġ ta' Transport Malta li hemm fl-ex- venda ta' Ħaż-Żabbar fi Triq is-Santwarju peress illi dan l-arloġġ mhux jaħdem. Is-Sur Joseph Agius talab li jitneħħa ħajt ta' għalqa u tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq Wied il-Għajn kantuniera ma' Triq il-Ħawt sabiex jkun hemm aċċess għall-*pedestrians* għall-bankina. Is-Sur Agius qal illi sid l-għalqa ma kien ser isib l-ebda oġġezzjoni li jinħatt u jittella ċ-ċint mill-ġdid.

Is-Sur John J Pace ressaq diversi lmenti li kien irċieva fuq Radju Hompesch fosthom talba sabiex isir *refresh* taż-*zebra crossing* li hemm fi Triq ix-Xgħajra, kif ukoll li ssir *zebra crossing* oħra fil-viċinanzi tal-ispiżerija Polymer, semmiegħa oħra talbu li jsiru linji sofor quddiem garaxx fi Triq ix-Xgħajra kif ukoll li jsir ħadid mad-dawra tas-*soft area* fi Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur John J Pace semma l-ħtieġa li Triq Santa Marija issir *one way* minn naħa ta' Triq San Ġużepp peress illi t-triq kienet qiegħda tkun ta' periklu għas-sewwieqa.

Fit-8.30 ta' filgħaxija s-Sur Brian Spiteri talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li sar minn resident dwar individwu li kien qed ipoġġi l-boroż tal-iskart quddiem ir-residenti fi Triq il-Mina ta' Hompesch wara li jgħaddi tal-*iscammel.*

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jingħalaq bieb ta' post mitluq li hemm fi Triq ix-Xgħajra peress illi kien qed jintefa ħafna skart.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq il-Marloċċ.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-465 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 18 ta' Lulju, 2016.

**IFFIRMATA**

Marc Vella Bonnici
Sindku